## LIL ĠORĠ PISANI

*B'versi ħelwin ħallejt l-isbaħ tifkira*
*ta' xtut, għoljiet, ta' wileġ u widien.*
*L-għanja li ħriġt minn qalbek kullimkien*
*tismagħha tidwi mas-smewwiet tal-Gżira.*

*L-Art li għaġnitlek moħħok bl-itjeb ħmira*
*f'kull għanja li għannejt kollha nirien,*
*Inti żejjintha bil-ġawhar tal-Ilsien:*
*fiċ-ċokon ta' sbuħitha wrejtha kbira!*

*Imwaqqfa fuq il-madbaħ tal-Ġgantija,*
*baqgħet tixgħel f'idejk it-torċa tagħna:*
*ta' kull ġrajja qalbiena tarmi d-dija.*

*Hekk illum rajna tissemma u tistagħna*
*fost l-għana Malti l-għanja tiegħek Għawdxija,*
*ta' seher u ta' ġmiel dejjem sultana.*

2.iii.1964 OGYGIA